## IĊ-ĊERTIFIKAT TAT-TABIB

ĊENTRU TAS-SAĦĦA — HEALTH CENTRE

30/9/89

Re. Mrs Josephine Tonna
47, Dun F. Borg St
B'Kara.

Dina l-persuna
tiddikjara illi hija nfiqet
għal kollox minn
marda ta' l-istonku
u l-marda dokumen-
tata minn żmien
tobba oħra bl-l-
intercessjoni f'[illegible]
sopranaturali. Il-mod
bl-għerf tat-tobba
ma jistax ikun
spjegat.

[illegible]

D.H. 444

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 12 OTTUBRU 1992 JITQASSAM BLA ĦLAS

## L-AĦĦAR TLIET XHUR TAS-SENA

**OTTUBRU: IX-XAHAR TAR-RUŻARJU**

Nitolbu għal xulxin – Ningħaqdu fit-talb – Ma ninsewx ngħidu r-Rużarju kuljum.

**NOVEMBRU: IX-XAHAR TAL-ERWIEĦ**

Mhux biżżejjed ngħidu li niftakru fihom! Inżidu s-smigħ tal-Quddies, it-Tqarbin, ir-Rużarju ta' kuljum, il-prattika tal-opri tajba; noffru kollox għal dawn l-Erwieħ Qaddisa.

**DIĊEMBRU: IX-XAHAR TAL-MILIED**

Nifirħu lill-Madonna talli ġiet magħżula minn fost il-ħlejjaq kollha biex tkun Omm Ġesù, u b'hekk issir Omm Alla! Marija Santissima hija wkoll IL-KUNĊIZZJONI IMMAKULATA! Il-festa tagħha nagħmluha f'dan ix-xahar.

## IS-SALIB TAL-GIRGENTI

Fil-post fejn niltaqgħu għat-talb, il-Girgenti, jintrefa' 'l fuq mill-folla hemm il-monument tas-Salib. Dan ġie mwaqqaf fil-bidu ta' Mejju 1992.

Għalina l-Insara, is-Salib hu l-akbar xhieda tal-imħabba li Ġesù wera għall-bnedmin. Dan is-Salib għandu jfakkarna li aħna wkoll għandna xi salib x'inġorru. Għax, kif qalilna Ġesù, min irid jimxi warajh għandu jerfa' salibu. M'hemmx triq oħra għall-Ġenna.

M'għandniex nibżgħu mis-slaleb li niltaqgħu magħhom fil-ħajja tagħna. Għandna jkollna l-kuraġġ li, mhux biss inġorru s-salib imma



*Dan hu s-Salib tal-Girgenti,*
*imwaqqaf f'Mejju 1992.*

nħobbuh u ngħannquh għax dak hu l-mezz tas-salvazzjoni tagħna u tad-dinja.

Meta jkollna xi gwaj, mard, nuqqas ta' kom-prensjoni fil-familja, dwejjaq u tbatija fix-xogħol ta' kuljum, noffru kollox lil Alla minn idejn Marija Santissima, u nbaxxu rasna għar-Rieda tiegħu.

Inkunu kuntenti meta jkollna xi ħaġa x'noffru 'l Alla bħala tpattija tad-dnubiet tagħna u tal-oħrajn. Niftakru li mingħajr penitenza ħadd ma jista' jsalva!



# GRAZZJA MAQLUGĦA

*Fost ir-rapporti importanti ta' grazzji maqlugħa, imma li qatt ma ġew ippubblikati f'dan il-fuljett, hemm dak ta' Mrs. Emanuela (imsejħa Amy) Yeomans, li se nipproduċi kważi testwalment. Dan ir-rapport juri wkoll kif in-nies temmen f'Ġuża u fil-Ġrajjiet tal-Girgenti.*

## L-ITTRA TA' MRS. YEOMANS

1 ta' Ottubru 1989

...Jiena kont waħda minn dawk is-sitta li Ġuża Mifsud qalet li kienu se jaqilgħu grazzja mingħand il-Madonna: tlieta tar-ruħ (jiġifieri kienu se jikkonvertu) u tlieta kienu se jfiqu fil-ġisem minn marda li kell-hom. Bejni u bejn ruħi għedt: "Ara, se jibdew isiru l-mirakli biex toħroġ il-verità. Mela vera li Ġuża waslet fl-aħħar issa, biex dawk li ma jemmnux forsi jibdew jemmnu. Fuq kollox min ma jemminx lanqas bil-mirakli ma jemmen."

Waqt li Ġuża bdiet titkellem, li għalija dan hu diġà sinjal tas-Sema, bniedma marida dik il-kwalità, tibda b'vuċi baxxa u wara ftit donnha tixgħel bil-qawwa u tibda titkellem b'vuċi hekk imħeġġa u għolja; dan l-aħħar, filli wiċċha jkun abjad bit-tbatija, bla ikel, filli jieħu xejra ta' saħħa donnu li Ġuża m'għandha xejn uġigħ u tbatija.

Hekk kif kienet qed titkellem, Ġuża iffissat għajnejha ġo għajnejja, ħarsa twila sa kemm tgħodd sitta jew sebgħa, ħarsa fonda donnha ġo fija; donnha bħal qed tara xi ħaġa. Meta qalgħet għajnejha minn fuqi donni ħassejt li l-Madonna kienet qed ittini xi ħaġa. Dakinhar ma kontx se mmur għal-laqgħa għax veru li ma kont niflaħ xejn u fjakka.

Żewġ tobba kienu ddikjaraw li kelli l-marrara *lazy*. Kelli naqta' kull *dairy food*, anke l-larinġ. Kont ngħaddi bħal tarbija; ma nista' niekol xejn... bla aptit; nieħu xi ħaġa żgħira u spiss. Kont ħafna muġugħa; bħal uġigħ fil-bidu tal-ħlas. Darba tatni taqliba kbira għax ħadt flixkun Pepsi Cola; darba oħra flixkun Kinnie... li kelli nġib it-tabib id-dar daqs kemm kont magħdura. Dan it-tabib Coleiro, minn Birkirkara, qalli wkoll li kelli l-marrara *lazy*, minbarra

li kien jissuspetta li kelli wkoll barxa jew bidu ta' ulċera fl-istonku. Wara li hu nvistani sew, ried jibgħatni l-isptar għal *X-Ray* tal-istonku u tal-marrara. Jien għedt lit-tabib: "M'għandix saħħa mmur issa, għall-*X-Ray*, immur meta nkun aħjar." Però, is-soltu, inkun miġnuna f'ħaġa bħal din, u nfittex immur ħa nkun naf sew x'għandi. Għalkemm ħadt *shock*, però, fdajt f'Ġesù u ħassejt li m'għandix immur għal *X-Ray*. Jekk irid, Ġesù jaf ifejjaqni kif għamel ma' morda oħra, imma mhux fil-Girgenti. Ħassejt donni bħal xi ħaġa li ma nibżax; nittama mhux fit-tobba imma f'Alla.

Wara l-laqgħa ta' talb, meta mort id-dar, ħassejt il-ġuħ u aptit kbir li niekol kollox. Kelli aptit ta' bajda moqlija. Ħaġa li kont ili xahar ma nduq. Għedt ġo fija: " Jekk nieħu bajda, toqtolni; dik velenu!" Imma ġo fija qisu ħassejt min igħidli: "Hudha, għax ma tagħmillek xejn." Ħadt bajda, għaffiġt l-isfar u dawwartha biex tiġi *egg-sandwich*. Neħħejt iż-żejt kollu, roxxejt il-bżar u l-melħ, u blajtha bil-qalb... Kilt dak kollu li kelli aptit; dak kollu li qabel kien iweġġagħni. Għedt: "Issa tagħmel il-Madonna!"... Fuq kollox, il-pilloli, tnejn għall-marrara, insejthom u ma ħadthomx.

Għaddiet siegħa... tnejn; jien ħassejtni normali, ferħana fil-Madonna, paċi ġo qalbi tas-Sema li ma jitfissirx. Wara ftaħt it-T.V. biex nara xi ħaġa adatta qabel ma norqod. Dawwart iċ-*channels* kollha u xejn ma għoġobni. Kollox nara banali, vojt u bla sens. Bdejt inħoss ngħas ħelu u bħal min igħidli biex immur ninġabar f'kamarti. Hekk għamilt, ferħana, bla toqol ta' slaleb u piż tal-familja; sirt ħafifa u qalbi mhux muġugħa bid-duluri tal-problemi, serji bosta, tat-tfal. Kont donni ġo ġenna tal-art! Il-pillola l-oħra, tal-irqad, lanqas kelli bżonnha! Irqadt mill-10 p.m. sat-3 a.m., raqda waħda! Ħadt ftit kafè bil-ħalib tad-dieta u xi ħaġa oħra żgħira. Erġajt mort norqod u stenbaħt fil-5 a.m. Ħadt kafè u erġajt irqadt sal-10 a.m. Dan ifisser kważi tnax-il siegħa rqad tal-ġenna mal-Madonna, bla uġigħ, ferħana u ħafifa qisni żgħira u mhux ta' ħamsa u ħamsin sena.

Minn dak il-Ħadd tal-laqgħa fil-Girgenti sa dan il-Ħadd, (1 ta' Ottubru 1989), għadda kważi xahar. Kilt kollox normali bħal qabel: ross u imqarrun fil-forn, pastizzi, pizza, kinnie... bla ma nħoss xejn uġigħ. Il-pilloli ma ħadthomx iktar għax meta ħadthom tatni battikata kbira; kont se nirremetti, l-għaraq xaqq għalija u ħassejtni se jħossni ħażin. Dan hu sinjal li jien imfejqa għax kieku l-pilloli ma kinux jagħmluli dik il-ħsara!



# It-Tesserament – Taf x'inhu?

Għandna mwaqqaf 'Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni (tal-Girgenti)' b'Kumitat li jiġi magħżul kull sentejn mill-membri ta' dan il-Moviment. Is-soltu, biex tkun Tesserat (Membru) trid tieħu formola ta' applikazzjoni mingħand is-Segretarja jew xi membru tal-Kumitat jew l-Editur ta' dan il-fuljett, u wara li tkun imlejtha, tirritornaha ffirmata minnek lill-Kumitat; u s-Segretarja tibgħatlek tessera ffirmata mill-President tal-Moviment u minnha. M'hemm l-ebda ħlas biex ikollok tessera u tkun membru tal-Moviment.

**OBBLIGI TAT-TESSERATI**

1. It-tesserati jwegħdu li jagħmlu ħilithom biex ix-xerrdu d-devozzjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.
2. Ikunu jafu sew bil-Ġrajjiet tal-Girgenti (dehriet u kuntatti tal-Madonna, grazzji u konverżjonijiet maqlugħa, fenomeni fis-sema...) u jgħaddu dan it-tagħrif lil nies oħra.
3. Jattendu għal-laqgħat ta' talb kull meta jistgħu.
4. Joffru t-talb kollu li jagħmlu, għal dawk kollha li huma membri tal-Moviment u għandhom bżonn l-għajnuna speċjali tal-Madonna.
5. Fejn jistgħu, jgħinu biex dan il-Moviment ikompli jikber u jmur 'il quddiem.

**VANTAĠĠI**

1. It-tesserati biss jistgħu jkunu Kandidati għall-Kumitat.
2. It-tesserati jistgħu jivvutaw għall-Kumitat il-ġdid jekk jattendu għal-laqgħa ġenerali li ssir għal dan l-iskop.
3. L-akbar vantaġġ hu li t-tesserati kollha flimkien jagħmlu "xirka jew għaqda ta' talb kontinwu" li minnu jieħu sehem kull membru, speċjalment jekk għandu bżonn ta' għajnuna speċjali mill-Madonna.

**X'GĦANDEK TAGĦMEL**

Peress li hemm ħafna li għadhom ma jafux b'dan kollu li għedna, qed nippruvaw nilħqu 'l kulħadd permezz ta' dan il-fuljett. Għalhekk jekk qatt ma kellek tessera ta' sħubija (Membership Card) inqeda b'dan il-fuljett, u m'għandekx għalfejn tieħu applikazzjoni oħra.

Għalhekk, imla l-mistoqsijiet fil-paġna ta' wara din,

aqta' l-folja mill-fuljett u ibgħatha malajr lill-Editur ta' dan il-fuljett, f'dan l-indirizz:

Brother Victor Privitera, F.S.C., B.A.,
Stella Maris College,
Gżira GŻR 04.

Jekk wara xahrejn ma tkunx irċevejt it-tessera, ibgħat avżani.

NOTA: Qed isir sforz biex jiġġeddu t-tesseri ta' dawk li huma diġà membri. Dawn m'għandhomx jibagħtu din il-folja.

**DIKJARAZZJONI TA' L-APPLIKANT**

"Jien, li hawn taħt iffirmajt, nixtieq inkun membru tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Inwiegħed li nattendu għal-laqgħat ta' talb il-Girgenti kull meta nista'; li nxerred id-devozzjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni (tal-Girgenti); u li noffri t-talb tiegħi kollu u kull ma nagħmel ta' ġid, għall-bżonnijiet ta' Ġuża Mifsud u l-intenzjonijiet tagħha u l-bżonnijiet tat-tesserati sħabi u ta' dawk kollha li jeħtieġu għajnuna speċjali tal-Madonna."

Ikteb b'ittri kbar, minbarra l-firma,

Isem u kunjom: ______________________

______________________

Indirizz: ______________________

______________________

______________________

Data tat-twelid __________ I.D. Card No. __________

Data meta ffirmajt __________ Tel. No. __________

FIRMA ______________________

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



Il-fejqan tiegħi jixhed li Ġuża qalet il-verità; jiena kont waħda minn dawk is-sitta li kellhom ifiqu. Dan hu xhud ukoll li jien qed ngħid il-verità. Alla u l-Madonna huma xhieda tiegħi. Jekk nigdeb u naqla' ħwejjeġ bħal dawn minn rasi, Alla jagħmel ħaqq minni. Ħallejt apposta żmien twil biex ktibt dan, biex żgur nagħti *chance*. J'Alla l-ħamsa l-oħra jixhdu wkoll bħali.

**Nota ta' l-Editur**

Fil-kumplament tar-rapport tagħha, Mrs. Yeomans qalet li kellha tagħmel pellegrinaġġ il-Girgenti ma' ħbiebha biex tirringrazzja 'l-Madonna li għoġobha tinqeda biha, bħala xhieda tal-Ġrajjiet tal-Girgenti!

Iċ-ċertifikat tat-tabib għall-fejqan ta' Mrs. Yeomans jidher hawn taħt.

Dan il-fejqan seħħ fit-3 ta' Settembru 1989 u r-rapport kien mibgħut lis-Segretarja Dr. Sylvana Spiteri, LL.D., fil-bidu ta' Ottubru ta' l-istess sena.

Inkwantu għall-fejqan "tar-ruħ" (konverżjonijiet) jiena rċevejt rapporti ta' konverżjonijiet imma mhix ħaġa faċli nippubblikahom minħabba d-delikatezza tal-każi u r-riżerva personali.

---

## AVVIŻI

– Nixtiequ nkunu nafu, jekk hemm bżonn privatament, permezz ta' dan il-fuljett, ta' min kienet dik il-libsa ta' tarbija mħollija mdendla fil-kamra li nbniet wara s-Salib tal-Girgenti.

Jekk hemm bżonn, l-editur lest li jiltaqa' mal-ġenituri li ħallew dik il-libsa hemmhekk. Kemm jibgħatuli l-indirizz tagħhom u n-numru tat-telefon (jekk għandhom). L-indirizz tiegħi hu:

Brother Victor Privitera,
Stella Maris College,
Gżira GŻR 04.

– Dawn huma l-persuni li jorganizzaw trasport għall-Girgenti. Jekk hemm oħrajn, nitolbuhom igħarrfuna.

1. Ġuża Żahra – Josant House, Magdalene Street, Dingli. Tel. No. 456275
2. Teresa Camilleri – 23/4, Triq San Publiju, Floriana. Tel. No. 246596
3. Mrs. Rose Ciappara – "Paradise", Not. Em. Debono Street, Naxxar
4. Lilly Micallef minn Tas-Sliema. Tel. No. 311128